MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 22/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Julian Genovese**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-imputat Julian Genovese, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Jannar 2009 li permezz taghha huwa gie kkundannat total ta' tlett snin u erba' xhur prigunerija.

**2.** L-imsemmi Julian Genovese (bin Emanuel u Carmen nee Mallia, imwieled fis-17 ta' Frar 1960 u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 136860M) tressaq b'arrest fit-23 ta' Marzu 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli (**1**) fil-21 ta' Marzu 2007 fi Triq San Gorg, San Giljan,

ghall-habta tat-3.30 pm, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Cauchi, kif certifikat mit-tabib A. Cordina M.D., u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 215 tal-Kodici Kriminali; (**2**) fl-istess data, lok u hin hebb kontra l-imsemmija Maria Cauchi sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali; (**3**) ghamel lil Maria Cauchi ingurja jew theddid bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-imsemmi Kodici; (**4**) volontarjament kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi ksur tal-Artikolu 338(*dd*) tal-Kap. 9; (**5**) kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, bi ksur tal-Artikolu 338(*m*); (**6**) fl-istess data, lok u hin volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg l-istess Maria Cauchi liema hsara teccedi l-ghaxar liri izda mhux il-hamsin lira, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap. 9; (**7**) talli fil-21 ta' Marzu 2007 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil persuna ohra, cioe` lill-istess Maria Cauchi, bi ksur tal-Artikolu 251A(1); u aktar (**8**) talli fl-istess periodu msemmi gab ruhhu b'mod li kkaguna lil Maria Cauchi biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), u dan bi ksur tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9; (**9**) u aktar talli rrenda ruhhu recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu; (**10**) kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenzi li saru definittivi fis-27 ta' April 2006 u 28 ta' Settembru 2006; (**11**) kif ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanza, fi Triq San Gorg, San Giljan, saq vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u negligenti; fl-ahharnett l-ewwel qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Maria Cauchi billi taghmel ordni ta' protezzjoni skond l-Artikolu 412C tal-istess Kodici Kriminali.

**3.** Bis-sentenza aktar 'l fuq imsemmija, cioe` tad-19 ta' Jannar 2009, l-imsemmi Julian Genovese instab hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u gie kkundannat ghall-piena ta' **disa' xhur prigunerija**

(b’rakkomandazzjoni mill-Qorti Inferjuri lid-Direttur tal-Habs Civili illi huwa jibqa’ jigi segwit mill-psikjatra matul il-permanenza tieghu gewwa l-habs); inoltre, dik il-qorti, wara li rat l-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 ordnat li s-sentenzi sospizi ta’ tlettax-il xahar u tmintax-il xahar prigunerija, moghtija fis-27 ta’ April 2006 u fit-28 ta’ Settembru 2006 rispettivament (l-ghaxar imputazzjoni, *supra*) ghandhom jibdew fis-sehh ossia jigu attivati, b’mod ghalhekk li l-periodu komplessiv ta’ prigunerija kellu jkun ta’ **tliet snin u erba’ xhur**. Fl-ahharnett, dik il-qorti, b’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mid-data ta’ dik l-istess sentenza fil-konfront ta’ Maria Cauchi[1].

**4.** Julian Genovese talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, u b’rikors intavolat fit-28 ta’ Jannar 2009 huwa appella mill-imsemmija sentenza. Huwa talab, fl-ewwel lok, li huwa jigi lliberat mill-imputazzjonijiet kollha u mill-piena, u, subordinatament, li jkun hemm riforma kwantu ghall-piena.

**5.** L-appellant ghandu disa’ aggravji, li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni. Huwa jikkontendi li galadarba ma gewx ezibiti ritratti li juru l-offizi li sofriet Maria Cauchi, allura din l-imputazzjoni ma gietx sufficjentement pruvata. Dana l-aggravju huwa wiehed altament fieragh. Mid-deposizzjoni ta’ Maria Cauchi, korroborata b’dak li qal l-anzjan Julian Ellul – li kjarament kien qed jibza’ jixhed izda fis-sustanza kkorrobora dak kollu li qalet Cauchi – u bic-certifikat mediku mwettaq bil-gurament tat-Tabib Dott. Adrian Cordina, din l-ewwel imputazzjoni tirrizulta manifestament ippruvata. It-tieni aggravju jirreferi ghat-tielet imputazzjoni, u cioe` l-imputazzjoni li l-appellant, fl-incident tal-21 ta’ Marzu 2007 fil-hanut Novatours, ingurja – kelma li ma tfissirx “offizi” izda insulti (*insults*) – lil Maria Cauchi. L-appellant jikkontendi li din l-imputazzjoni, ta’ natura kontravvenzjonali, ma gietx pruvata. L-appellant ghandu ragun. Filwaqt tal-aggressjoni selvagga tal-

[1] Ara l-obbligazzjoni f’dan is-sens maghmula bil-miktub a fol. 187 tal-atti.

appellant fuq l-imsemmija Cauchi, ma jirrizultax li tlissnu minnu kliem ingurjuzi jew ta’ theddid – it-theddid li kien hemm kien f’okkazjonijiet ohra.

**6.** L-appellant – dan hu t-tielet aggravju – ighid li ma setax jinstab hati tal-ksur tal-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku ghax il-post, ossia l-lokalita`, fejn sehh l-incident huwa post turistiku u ghalhekk movimentat, u mhux xi post “ta’ kwiet”. Issa, kif inhu ben stabbilit fil-gurisprudenza, il-kwiet jew trankwillita` ta’ xi post, fis-sens tan-nuqqas ta’ hsejjes, ma ghandu x’jaqsam xejn mar-reat kontemplat fl-Artikolu 338(*dd*) tal-Kodici Kriminali. A skans ta’ ripetizzjoni, din il-Qorti sejra semplicement taghmel referenza ghas-sentenza taghha tal-24 ta’ Mejju 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri**, kif ukoll ghas-sentenza, ukoll taghha, tal-4 ta’ Settembru 1996 (App. nru. 302/94) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Victor Mifsud**. L-aggressjoni tal-appellant, u l-mod kif werwer lil Julian Ellul, kienu jirrientraw pjenament fl-estremi tar-reat kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni 338(*dd*). Ghalhekk dana l-aggravju, in kwantu jirreferi ghar-raba’ imputazzjoni, huwa manifestament infondat. Mhux l-istess, pero`, jista’ jinghad in kwantu dana l-aggravju jirreferi ghall-imputazzjoni numru 5. Din l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fil-paragrafu (*m*) tal-Artikolu 338. Dana r-reat jirreferi ghal min bil-lejl jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat. L-incident *de quo* sehh fit-3.30 pm, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif iz-zewg ufficjali prosekuturi f’dan il-kaz seta’ ghaddielhom minn mohhom li johorgu b’din l-akkuza! Kjarament l-appellant ghandu jigi liberat mill-hames imputazzjoni (ukoll wahda ta’ natura kontravvenzjonali).

**7.** Nigu issa ghar-raba’ aggravju, li jirreferi ghas-sitt imputazzjoni – hsara volontarja. Hawnhekk l-appellant ghandu ragun in parti biss. Ma hemmx dubbju li hu ghamel hasar fil-flokk ta’ Maria Cauchi. Kwantu ghall-hsara li seta’ ghamel fil-proprjeta`, ossia l-oggetti li kien hemm, fil-hanut, dawn, billi kienu proprjeta` ta’ Adrian Vella, proprjament ma jirrientrawx fis-sitt imputazzjoni li tirreferi specifikatament ghall-hwejjeg tal-imsemmija Maria Cauchi. In fatti l-ewwel qorti ghamlitha cara, fis-sentenza appellata, li hija kienet qed issib htija skond din is-sitt

imputazzjoni biss in kwantu din tirreferi ghall-imsemmi flokk, u mhux ukoll in kwantu seta' kien hemm oggetti fil-hanut li gew imkissra. Pero` anke hawn l-appellant gustament jirrileva li ma ngabitx prova li dan il-flokk kien jiswa aktar minn ghaxar liri. Ghalhekk, l-ewwel qorti kellha ssib lill-appellant, allura imputat, hati skond il-paragrafu (d), u mhux skond il-paragrafu (c), tal-Artikolu 325(1) tal-Kap. 9. Ifisser ghalhekk ukoll li l-piena ghall-finijiet ta' din is-sitt imputazzjoni hi jew ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet (a differenza tal-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn sitt xhur, li kieku l-htija kienet taht il-paragrafu (c)).

**8.** Il-hames u s-sitt aggravji jistghu jigu kkunsidrati flimkien. L-appellant jikkontendi li l-imputazzjonijiet numru 7 u 8 ma jirrizultawx pruvati. Din il-Qorti ma taqbilx. L-ewwel qorti kienet pjenament gustifikata, riferibbilment ghal dawn iz-zewg imputazzjionijiet, li toqghed fuq dak li ddeponiet Maria Cauchi. Din il-Qorti ma tara ebda "kongetturi gratuwiti" f'dak li xehdet l-imsemmija Cauchi. Ghalhekk dawn iz-zewg aggravji qed jigu michuda.

**9.** Is-seba' aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-imputazzjoni tar-recidiva (li huwa jsejhilha "recidivita`"), kif ukoll l-imputazzjoni li huwa kkommetta r-reati *de quo* fil-periodu operattiv ta' sentenzi sospizi, ma jistax jinghad li gew ippruvati ghax il-kopji tas-sentenzi ezibiti ma jurux li dawn is-sentenzi kienu sentenzi finali. Fi kliem l-appellant: *"Ma ngabet l-ebda prova jekk dawn is-sentenzi gewx fil-fatt appellati jew le, u lanqas ma giet ezibita xi kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward. Ghalhekk is-sentenzi ezibiti…ma jistghu qatt jikkostitwixxu prova ta' recidivita`, u ghaldaqstant din l-akkuza ma setghetx tigi ppruvata. Illi bl-istess mod lanqas l-ghaxar akkuza, dwar ksur ta' kundizzjonijiet imposti fl-istess sentenzi, ma tista' tregi, u dan ghaliex tirreferi ghall-istess sentenzi li ghadhom kemm appena ssemmew, sentenzi ta' qorti ta' l-ewwel grad."* Din il-Qorti ma tistax taqbel ma dana l-aggravju kif migjub mill-appellant[2]. Kopja legali ta'

[2] Jigi pprecizat li dana l-aggravju ma jipprova jigbed ebda argument minn, u anqas biss jaghmel xi referenza ghal, dak li jipprovdi l-Artikolu 28F tal-Kodici Kriminali. Ghal kull buon fini, pero`, din il-Qorti taghmilha cara li hija ser tikkonsidra li kien hemm biss

sentenza moghtija minn qorti tal-ewwel grad taghmel prova shiha u kompluta ghall-finjiet tar-recidiva jew ghal xi fini ohra bhalma hija l-prova li r-reat gie kommess fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, jew li kien hemm ksur ta' ordni ta' *probation* jew ta' *conditional discharge*. Il-prosekuzzjoni m'ghandhiex ghalfejn tipproduci xi certifikat li dik is-sentenza ma kienitx giet appellata. Jekk l-imputat, pero`, jikkontesta il-finalita` ta' dik is-sentenza, spetta ghalih li jaghmel prova kuntrarja, imqar fuq bazi ta' probabbilita`. Fi kwalunkwe kaz, ghall-finijiet tal-ksur ta' kundizzjoni ta' sentenza ta' prigunerija sospiza, Qorti ta' Gustizzja Kriminali tista' tipprocedi anke *ex officio* – ara l-Artikolu 28D tal-Kap. 9. Ghalhekk dana l-aggravju huwa infondat.

**10.** Nghaddu issa ghat-tmien aggravju, li jirreferi ghall-hdax-il imputazzjoni, cioe` dik ta' sewqan b'manjiera perikoluza, traskurata u negligenti. L-appellant jikkontendi li din l-imputazzjoni ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp penali. Minn ezami tal-provi – konsistenti biss fit-tieni deposizzjoni li tat Maria Cauchi – din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun.

**11.** L-ahhar aggravju tal-appellant hu dwar il-piena, li huwa jqis li kienet wahda eccessiva. Din il-Qorti, in vista tal-fatt li ser tillibera lill-appellant minn xi imputazzjonijiet, neccessarjament ser ikollha tirridimensjona l-piena.

**12.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi tilqghu in parti biss, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi (**i**) thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-imsemmi Julian Genovese hati skond it-tielet, skond il-hames u skond il-hdax-il imputazzjoni, u tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet, (**ii**) tiddikjara li ghall-fini tas-sitt imputazzjoni qed issib htija biss in kwantu l-hsara ma kienitx teccedi l-ghaxar, (**iii**) tiddikjara li ghall-fini tad-disa' imputazzjoni ir-recidiva applikabbli hija biss skond l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali (u dan ghar-raguni mfissra fin-nota *in calce* nru 2), (**iv**) thassarha u

recidiva skond l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, u mhux ukoll skond l-Artikolu 50, u dana proprju minhabba dak li jiddisponi dana l-Artikolu 28F.

tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' disa' xhur prigunerija u minflok tikkundannah (riferibbilment ghall-imputazzjonijiet nri 1, 2, 4, 6, 7, 8 u 9) ghall-piena ta' erba' xhur prigunerija, u (**v**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'mod ghalhekk li t-total tal-periodu ta' prigunerija li ghandu jiskonta l-appellant in vista taz-zewg sentenzi ta' prigunerija sospizi huwa ta' **sentejn u hdax-il xahar**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------